MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2012

Numru. 22/2000
Kawza Numru. 101

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**

**Vs**

**FRANCIS AXIAQ**

**Illum, ............................................. 2012**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **Francis sive Frankie Axiaq**, ta' disgha u ghoxrin (29) sena, bin Augustine u Mikelina nee' Cauchi, imwieled Victoria, Ghawdex fl-24 ta' Dicembru 1969, residenti fil-fond numru 6, Triq it-Torri, San Lawrenz, detentur tal-karta tal-identita' numru 1270(G) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fit-30 ta’ Gunju 1999, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-gzejjer, kellu fil-pussess tieghu d-droga Heroina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101, tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt taqsima ta’ l-ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu, u anqas li pprova li d-droga giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament tmienja tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN292/19390, kif sussegwentement emendat u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101, tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101, tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjoni tar-raba’ u s-sitt taqsima ta’ l-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu, u anqas li pprova li d-droga giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolament tmienja tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi, (GN292/1939), kif sussegwentement emendat u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 , tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fit-30 ta’ Gunju 1999, u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, iffalsifika biljetti ta’ flus u/jew mexxa biljetti ta’ flus iffalsifikati, u cioe’ liri Maltin li kien jaf li huma ffalsifikati, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 45, tal-Kap 204, tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fit-30 ta' Gunju 1999, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtara, ircieva minghand xi persuna, jew kellu fil-pussess jew kustodja tieghu biljetti tal-flus iffalsifikati, u cioe' liri Maltin meta kien jaf li l-istess biljetti ta' flus kienu ffalsifikati u dan bi ksur ta' l-artikoli 46, tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli kellu din id-droga msemmija fil-pussess tieghu f'cirkostanzi tali li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

U aktar talli kiser il-provvediment ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti Kriminali fl-10 ta' Mejju 1999.

U aktar talli sar ricediv b'sentenzi moghtijin lilu mill-Qorti ta' Ghawdex, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghu qatt jigu mhassra.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil din il-Qorti sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-2 ta' Frar 2007 (fol. 206) sabiex din il-kawza tinstemgha b'mod sommarja fin-nuqqas ta' provi da parte tal-prosekuzzjoni. Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Frar 2007 l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza fuq referita.

Rat ukoll il kontro-ordni mahruga ai termini tal-artikolu 31 tal-kap 101 nhar it-2 ta' Frar 2007 esebita fl-atti a fol. 205.

Semghet lix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni, l-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju u l-provi tad-difiza.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti thoss li qabel xejn ghandha tirrileva s-segwenti u dan sabiex ma jkunx hemm kummenti zejda u ingusti fil-konfront taghha mill-media dwar dewmien f'dan il-kaz.

1. Jinghad li r-reati li bihom gie akkuzat l-imputat sehhew fit-30 ta Gunju 1999 u l-imputat tressaq il-Qorti diversament preseduta (mhux bl-arrest) nhar l-14 ta' Frar 2000 u kien b'digriet ta' dik il-Qorti li l-kawza giet appuntata ghal 15 ta' Mejju 2000.

2. Jidher li quddiem dik il-Qorti kien sar zball u l-atti kienu gew rinvjati lura lil dik il-Qorti permezz tar-rinviju tal-Avukat Generali tal-hamest ijiem nhar is-7 ta' Dicembru 2005 u kien biss wara dan ir-rinviju li l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti u b'digriet taghha tat-12 ta' Dicembru 2005 din il-Qorti appuntat il-kawza ghall-15 ta' Dicembru 2005. Minn hemm 'il quddiem il-kawza kompliet tinstema quddiem din il-Qorti.

3. Jinghad li matul dan iz-zmien kollu l-Qorti li l-kawza kienet pendenti quddiem din il-Qorti kif preseduta u cioe mit-12 ta Dicembru 2005 sa llum din il-Qorti zammet hamsa u hamsin (55) seduta inkluza ta' llum sabiex jingabru l-provi kollha mill-partijiet, issir it-trattazzjoni u wara li l-partijiet awtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza nhar it-22 ta' Gunju Mejju 2012, din il-Qorti ghaddiet biex taghti s-sentenza taghha illum.

4. Illi l-prosekuzzjoni damet sal-15 ta' Frar 2007 sabiex taghlaq il-kaz bil-provi taghha u ghalhekk hadet quddiem din il-Qorti tnax-il (12) seduta ghall-gbir tal-provi taghha.

5. Id-difiza minn naha taghha hadet hames snin sabiex tghalaq il-provi taghha u cioe mis-seduta tas-15 ta' Frar 2007 sat-22 ta' Gunju 2012 biex taghlaq il-kaz taghha u f'dan il-perjodu l-Qorti zammet tlieta u erbghin (34) seduta. Jinghad li l-Qorti ma setghetx tipprocedi minghajr ma l-imputat jaghmel id-difiza tieghu u stante li dan id-dewmien kien attribwit lilu, zgur li ma jistax jinghad li gie

priv mid-dritt fundamentali tieghu ghal dritt ta’ smigh xieraq fi zmien ragonevoli.

6. Jinghad li tul din il-kumpilazzjoni, il-prosekuzzjoni dejjem kienet rapprezentata mill-istess Ufficcjal Prosekutur waqt li l-imputat kien ippatrocinat minn Dr. Carmelo Galea ghalkemm kien hemm xi zmien meta Dr Alfred Grech ipprezenta xi att f’isem l-imputat.

**7**. Jinghad li tul dawn is-seba’ snin li din il-kawza kienet quddiemha l-Prosekuzzjoni naqset li tidher quddiem il-Qorti ghal raguni jew ohra f’erbatax-il seduta li gew iffissati ghall-gbir tal-provi, filwaqt li l-imputat naqas li jidher quddiemha f’sitt okkazjonijiet ghal diversi ragunijiet jew ghax kien marid u f’xi seduti kien sahansitra mizmum l-Isptar, jew ghaliex id-Direttur tal-Facilita’ Korettiva ta’ Kordin ma provdilux skorta. Ghalhekk f’dawn is-seduti kollha li nzammu inutilment mill-Qorti ma setghax jigi registrat progress.

8. Jinghad ukoll ghal kul buon fini li ghal seba’ seduti l-avukat difensur tal-imputat naqas li jkun prezenti ghall-udjenzi li gew hekk iffissati jew ghaliex kien barra minn Malta jew ghax kien okkupat fi Qrati ohra Ghawdex stess jew ghaliex kien okkupat quddiem il-Qrati ta’ Malta jew addirittura kien indispost.

9. Jigi nnutat ukoll li kien hemm sitt seduti li ma nzammux minhabba l-Qorti u dan ghaliex kienet okkupata b’xoghol tal-Qorti f’Malta ghalkemm f’dawn l-istanzi is-seduti kienu gew differiti ghal zmien vicin.

Il-Qorti hasset il-htiega li taghmel dan ir-riassunt sabiex fil-mezzi tax-xandir jigu evitati kummenti negattivi dwar l-operat tal-Qorti billi ingustament jinghad b’mod erronju li d-dewmien kien kawzat minnha.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi **l-Ispettur Paul Vassallo** xehed nhar il-21 ta’ Lulju 2000 fejn qal illi nhar it-30 ta’ Gunju 1999 ghall-habta tas-saghtejn ta’ wara nofsinhar (2pm) kien gie nfurmat mis-

Surgenti li kienu stazzjonati fil-Vice Squad C.I.D ta' Ghawdex illi kienu ghadhom kif waqqfu persuna fit-triq ta' Pinu u li din il-persuna nstab li kien fil-pussess ta' xi qratas. L-Ispettur ighid li mar fuq il-post fit-Triq ta' Pinu fejn sab li din il-persuna kienet certu Frank Axiaq mill-Gharb u li fil-karozza indikawlu xi qratas suspettati li kienu jikkontjenu xi droga.

Itenni li l-karozza li kienet fuq il-post kienet Fiat 132 Kilo Alfa Romeo 562 bin-numru KAR 562 u raw li kien hemm erbat iqratas fejn il-*gear lever* tal-karozza, u hamsa ohra taht il-karozza vicin l-area tal-*gear stick*, u kien hemm ukoll qartas iehor madwar ghaxar piedi lura mill-karozza. Meta staqsew lil Axiaq dwarhom dan ma riedx jirrispondihom.

Iddikjara li nforma lill-Magistrat tal-Ghassa, dakinhar kien Dottor Paul Coppini, fejn hu fetah inkjesta u hatar lil Dr. Mario Scerri, lill-Perit Guido Vella, lil Max Xuereb u lill-ispizjar Mario Mifsud biex jghinuh f'din l-inkjesta.

Jghid li Frank Axiaq gie arrestat u ttiehed l-Ghassa tar-Rabat fejn gie interrogat dwar l-affarijiet li nstabu fil-pussess tieghu. Dakinhar stess fit-30 ta' Gunju, jghid li ha stqarrija minghand is-sur Axiaq wara li nghata s-solitu twissija fejn dan ammetta li l-qratas kienu jikkontjenu l-erojina. Jghid ukoll illi qabel ma hadlu dan l-istatement u wara li telqu minn fuq il-post fit-triq ta' Pinu, kienu marru fir-residenza ta' Axiaq fejn jghix mal-genituri tieghu fil-fond numru 6, Triq it-Torri, San Lawrenz u f'ghalqa wara d-dar saret tfittxija bil-klieb u nstabu mohbijin f'hajt bott tal-plastik u vazzett tal-hgieg suspettatti li kellhom droga. Fil-fatt fl-istess stqarrija, Axiaq qal illi fil-vazzett tal-hgieg kellu romblu tas-sigaretti u pakkett tar-Rizla u ammetta li xi zmien qabel kien jobrom joint.

Jghid li l-imputat ammetta wkoll li kien hemm il-kokajina f'xi qartas tal-fidda. Gew elevati wkoll somma flus li tammonta ghal mija u erbatax –il lira Maltin, liema flus gew esebiti. Dawn il-flus kienu jikkonsistu f'karta tal-ghoxrin lira, tmienja tal-ghaxra, tnejn tal-hamsa, u tnejn taz-zewg liri, kif ukoll karta tal-elf lira Taljana u one U.S.

Dollar. Ittiehdet minn fuq l-imputat ukoll wallet li kien fiha diversi karti bin-numri tat-telefon.

Giet elevata wkoll il-karozza u din giet esebita formalment, din hija tal-ghamla Fiat 132 bin-numru KAR 562, u jghid li hija f'kundizzjoni pjuttost hazina. Mistoqsi fejn tinsab din il-karozza, l-Ispettur jghid li tinsab mizmuma fil-garaxx tal-Pulizija.

Esebixxa statement immarkat bhala Dok PV1 li hija l-istqarrija ta' Frankie Axiaq u fiha zewg faccati. Din l-istqarrija giet mehuda fit-30 ta' Gunju 1999 u ffirmata minnu u mis-surgent Frank Portelli. Jaghraf il-firma tieghu u ta' Frank Portelli, izda jghid li l-imputat ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija. Ikompli jghid li ghalkemm l-imputat ma xtaqx jitkellem, iktar 'il quddiem ikkopera anke kif jidher mill-istatement. Dwar minn fejn gew l-affarjiet xtaq li ma jirrispondix minhabba l-biza' ta' xi azzjoni vendikattiva u x'kien li ser jaghmel bl-affarijiet qal li kien ser juzahom, jikkonsmahom hu stess.

Ikkonkluda x-xhieda tieghu billi jghid li nstabu b'kollox sbatax-il qartas u nstabu wkoll flus foloz fid-dar tieghu.

**PS 1407 Frank Portelli** xehed nhar il-21 ta' Lulju 2000 fejn gie muri d-dokument PV 1 u ddikjara li huwa statement rilaxxjat mill-imputat fil-presenza tieghu u tal-allura Spettur Vassallo. Ikkonferma li l-imputat inghata s-solitu twissija. Gharaf il-firma tieghu u tal-Ispettur, u jghid li l-imputat ghazel li ma jiffirmax.

Mistoqsi dwar il-kaz, jghid li kien xehed quddiem Dr. Mario Scerri fl-atti tal-inkjesta nhar il-15 ta' Lulju 1999 liema xhieda huwa kien kkonferma in toto. Jghid li qabel it-30 ta' Gunju 1999 kien ircieva informazjoni kunfidenzjali minghand persuna li xtaqet tibqa anonima dwar bejgh u traffikar ta' drogi. Dik il-persuna indikatlu l-post ossia l-inhawi fejn kien qed isir dan l-abbuz kif ukoll il-persuna li x'aktarx kienet involuta f'dan l-abbuz. Huwa ghalhekk beda jistharreg din l-informazzjoni u beda wkoll jiffrekwenta l-inhawi li din il-persuna kienet semmietlu.

Fil-fatt ighid li l-presenza tal-persuna li ssemmiet mal-pulizija giet ukoll innutata li kienet qed tiffrekwenta dawn l-inhawi. Huma ghalhekk iddecidew li jwaqqfu lil din il-persuna u jghamlu tfittxija.

Fil-fatt dan gara fit-30 ta' Gunju 199 ghal habta tas-2.00p.m. meta kien fil-kumpanija ta PC 982 Martin Vella. Spjega li kienu fil-vettura privata jistennew il-mument opportun sabiex tghaddi din il-persuna hekk suspettata u dan fi triq Ta' Pinu, l-Gharb. Jikkonerma li maghhom ftit 'il boghod fl-istess triq kien hemm ukoll PS 812 Saviour Spiteri u PS 1464 Michael Portelli.

Ghall-habta ta' 1.55p.m. ghaddiet din il-persuna suspettata u huma hargu f'nofs ta' triq u ibblukjaw l-karreggjata u bdew bl-investigazzjoni taghhom. F'dan il-mument ighid li s-sewweiq tal-vettura kien l-imputat odjern. Huwa beda t-tfixxija fil-vettura tieghu tal-ghamla Fiat 132 bin-numru ta' registrazzjoni KAR – 562 u nnota li hdejn il-gear lever kien hemm xi pakketti bojod li pprova johrog. Waqt din l-operazzjoni irnexxielu itella erba' pakketti u l-bqija waqghu mit-toqba li semma ghal taht il-vettura. Meta ttawwal taht il-vettura sab li mit-toqba tal-gear lever kienu waqghu hames pakketti zghar ohra.

Sadanittant PS 1464 Michael Portelli kompla bit-tfittxija fil-vettura waqt li huwa lemah pakkett iehor fl-art fl-istess daqs u kulur li kien ftit 'il boghod minn naha ta' wara tal-vettura ta' Francis Axiaq. Jikkonfema li kienu zammu lill-imputat fuq il-post u nfurmaw lill-allura Spettur Paul Vassallo u dan ghaliex minnufih issuspettaw li fil-pakketti kien hemm xi sustanza illecita.

Wara li sar l-access mill-espert nominat mill-Qorti gew ordnati sabiex jiehdu lill-imputat l-ghassa u ghall-habta tal-4.30p.m. gew ordnati sabiex ighamlu tfittxija fid-dar fejn kien joqghod l-imputat. It-tfittixija saret minn PS 812 Spiteri u PS 1464 Michael Portelli. Mill-kamra tas-sodda tieghu PS 812 Spiteri kien eleva minn kexxun tal-gredenza erba' karti tal-ghoxrin lira maltin (LM20) il-wahda u mall-ewwel induna li kienu flus foloz kemm mill-kulur taghhom kif ukoll mis-serie tan-numru.

F'wahda mill-imnadar li hemm fir-razett retrostanti, il-klieb tal-pulizija rnexxilhom isibu hajt fl-istess ghalqa u fih kien hemm flixkun tal-hgieg u bott rqiq tal-plastic. Dan il-bott gie miftuh mill-imputat fil-presenza tal-Ispettur tal-pulizija u instabu sitt pakketti ohra simili ghal dawk li kienu nstabu fil-vettura tal-imputat aktar kmieni, pakket iehor zghir li kien imgezwer bl-ismontor u borza ohra tal-plastic li fiha kien hemm trab kannella.

Meta l-kelb sab il-bott u l-flixkun mal-hajt l-imputat ammetta maghhom mill-ewwel li fil-bott tal-plastic kien hemm ammonti zghar ta' kokaina u eroina u ammetta wkoll li kienu tieghu.

Wara din is-sejba regghu hadu lill-imputat l-Ghassa tal-Pulizija u hemmhekk l-imputat irrilaxja stqarrija lill-allura Spettur Paul Vassallo dwar is-sejba kollha li saret mill-Pulizija. Huwa kien xhud ta' din l-istess stqarrija.

Ix-xhud rega xehed in difeza nhar il-21 ta' Jannar 2012 fejn qal li qabel is-sejba tat-30 ta' Gunju 1999 ma kellu l-ebda relazzjoni jew inkontru mal-imputat. Fil-fatt, hu gie trasferit is-C.I.D f'Mejju fis-sena 1999. Ikompli jghid li ma jiftakarx jekk qattx iltaqa mal-imputat ghand ic-Cirasa. Jghid li ma jaf lil hadd bl-isem ta' George Vella li jahdem mas-CMU.

**PS 1464 Michael Portelli** xehed nhar il-21 ta' Lulju 2000 fejn qal illi nhar it-30 ta' Gunju 1999 gew moghtija informazzjoni kunfidenzjali li Frank Axiaq kien qed jiddilja b'xi drogi fit-Triq ta' Pinu. Inqasmu fi tlett gruppi, u x'hin kienu hu u PS 812 gew infurmati li l-imputat kien gej fuqhom min-naha ta' Ta' Pinu, ghalhekk waqqfuh u saret it-tfittxija. Jghid li elevaw tmien sachets suspettati tal-erojina fil-karozza li kien qed isuq tal-ghamla Fiat u numru KAR 562, u tnejn ohra kienu fl-art. Infurmaw lill-allura Spettur Paul Vassallo u l-Magistrat u ghaddew kollox lill-espert tal-Qorti. Izid ighid li ghall-habta tal-hamsa (5pm) saret tfittxija wkoll fir-residenza tieghu li ghandu f'numru 6, Tower Street, San Lawrenz u minn hemmhekk elevaw

erba’ karti tal-ghoxrin lira li allegatament kien counterfeit flimkien ma’ dan in-notebook.

Esebixxa envelope tal-plastik trasparenti li jikkontjeni t-tikketta tal-esebit kif ukoll erba’ karti tal-ghoxrin lira Maltin u *pocket notebook* kulur ahmar u iswed immarkati bhala Dokument MP1. Ix-xhud ikompli jghid li dawk gew elevati mill-kexxun tal-gradenza tieghu fil-kamra tas-sodda tieghu. Gew elevati wkoll waqt din it-tfittxija l-kartiera bil-flus u b’xi dokumenti kif ukoll il-mobile. Din il-kartiera ta’ lewn iswed flimkien bil-kontenut go fiha gew esebiti u mmarkati bhala Dokument MP2. Gie esebit ukoll mobile phone tal-ghamla Nokia u l-batterija tieghu bin-numru 002620 li gie mmarkat bhala Dokument MP3, flimkien mal-*pocket* tieghu.

**Eva Buttigieg** xehdet nhar it-22 ta’ Gunju 2001 fejn esebiet Process Verbal fl-atti ta’ l-inkjesta dwar sejba ta’ diversi sachets u boroz tal-plastik b’xi trab kannella go fihom suspettati droga fil-pussess ta’ Frankie Axiaq redatt mill-Magistrat Dottor Paul Coppini li jgib in-nurmu 918 u dakinhar stess il-Qorti kkonfermat l-esperti kollha hemm nominati.

**Ivan Formosa** xehed nhar it-22 ta’ Gunju 2001 fejn iddikjara li kien gie nominat waqt is-seduta tal-21 ta’ Gunju 2000 minn din il-Qorti sabiex jezamina erba’ karti tal-ghoxrin lira Maltin bin-numru tas-serje D/8194262. L-espert ighid li sab li dawk kienu foloz u li mir-rizultat jikkonferma li sab flus simili ghalihom f’kaz iehor pendenti l-Qorti u jiddikjara li dawn il-flus x’aktarx gew mill-istess provenjenza.

Ipprezenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dokument IF1, u mal-istess relazzjoni rritorna l-flus in kwistjoni. Ikkonferma li mad-daqqa t’ghajn wiehed jinduna li huma flus foloz ghaliex is-serial number huwa l-istess, kif ukoll ghaliex it-*texture* u l-kulur ikunu daqsxejn differenti minn dawk ta’ flus normali.

**PS 812 Saviour Spiteri** xehed nhar it-22 ta’ Gunju 2001 fejn qal li huwa kien xehed quddiem il-perit legali Dr.

Mario Scerri fl-atti tal-inkjesta nhar il-15 ta’ Lulju 1999 u kkonferma x-xhieda li kien ta.

Ix-xhud ikkonferma li kien ircieva xi nformazzjoni minghand PS 1407 li kellu nformazzjoni li kien qed issir xi traffikar ta drogi u abbuz relatat ma’ droga. Huwa ghalhekk halla lilu jigbor l-informazzjoni kollha relattiva sakemm gie nfurmat bil-mument opportun meta kellhom ighamlu xi tfittxija. Jghid li fit-30 ta’ Gunju 1999 huma kienu ikkordinaw il-hidma taghhom ta’ kif kellha ssir it-tfittxija ghall-persuna suspettata bir-reat u flimkien ma’ PS 1407 Portelli u PS 1464 Michael Portelli marru fi Triq Ta’ Pinu l-Gharb u qaghdu jistennew il-persuna suspettata tghaddi.

Jghid li huwa flimkien ma’ PS 1464 qaghdu mistohbijin fis-sigar fiwaqt li PS 1407 u PC 982 qaghdu jistennew f’vettura privata fl-imsemmija Triq.

Ghall-habta tas-2.00p.m. huma lemhu l-karozza Fiat 132 numru ta’ registrazzjoni KAR 562 sejra minn naha tal-knisja Ta’ Pinu sejra fid-direzzjoni tar-Rabat u waqt li ghaddiet minn quddiemhom PC 982 kien pront saq ghal nofs il-karregjata b’mod li l-karozza ma setghetx tkompli ssuq u huma lkoll hargu minn fejn kienu.

Talbu lis-sewwieq li rrizulta li kien l-imputat johrog mill-vettura u l-pulizija beda jaghmel tfittxija liema tfittixija tat rizultat posittiv ghaliex hargu minn hdejn il-gear lever erbgha pakketti zghar u hames pakketti ohra li kienu mal-art u li kienu waqghu minn toqba li kien hemm hdejn il-gear lever liema pakketti kellhom sustanza suspettuza go fihom. Jghid li ftit ’il boghod mill-vettura tal-imputat PS 1407 lemah ukoll xi pakkett iehor li kien mal-art. Billi ssuspettaw li fil-paketti kien hemm droga huma infurmaw lill-allura Spettur Paul Vassallo u infethet inkjesta relattiva.

Jghid li wara huwa ha sehem fi tfittixija li saret fir-residenza tal-imputat gewwa San Lawrenz f’razzett u hemmhekk instabu xi flejjes li dehru li kienu foloz u ghalhekk dawn gew elevati wkoll. Barra fil-hajt bl-ghajuna tal-klieb instab xi bott u xi borza li wkoll kellhom sustanzi

suspettuzi go fihom u dawn gew ukoll elevati u mghoddija lill-esperti nominati fl-inkjesta sabiex jigu ezaminati. Il-bott gie miftuh mill-imputat fil-presenza tal-Ispettur u fil-presenza taghhom ammetta li kienu tieghu. Wara l-imputat ittiehed l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat u giet rilaxxjata stqarrija.

Ix-xhud rega xehed nhar is-16 ta' Frar 2006 u ghal darb ohra rega' kkonferma x-xhieda li kien ta fl-atti tal-inkjesta kif ukoll dik moghtija l-Qorti viva voce quddiem l-imputat.

**<u>Perit Guido Vella</u>** xehed nhar it-18 ta' Jannar 2002 fejn iddikjara illi huwa gie nominat mill-Magistrat Dottor Paul Coppini sabiex jaghmel ezami u relazzjoni dwar post numru 6, Triq it-Torri San Lawrenz Ghawdex. Gie muri r-relazzjoni tieghu u kkonferma li qeda fedelment u onestament l-inkarigu tieghu skond il-ligi. Jghid li marru fi triq li tidhol ghall-knisja ta' Pinu u kejlu bicca mit-triq fejn kien sar xi insegwiment. Jghid li kien hemm marki fl-art fejn kienu waqfu l-karozzi tal-pulizija u li kienet qed tigi segwita u kien hemm xi indikazzjonijiet ohra. Huwa kompla jixhed nhar l-10 ta' Jannar 2003 fejn prezenta original tar-relazzjoni tieghu. Iddikjara ghal darba ohra li kien gie inkarigat biex ikejjel parti mit-triq li tiehu ghall-knisja ta' Pinu fejn il-Pulizija kienu waqqfu karozza u sabu pakketti suspettati droga immarkat bhala Dokument GV1.

**<u>Max Xuereb</u>** xehed nhar it-18 ta' Jannar 2002 u kkonferma li kien gie nominat mill-Magistrat tal-Ghassa sabiex jigbed xi ritratti in konnessjoni ma' inkjesta li kienet ghaddejja dwar traffikar ta' drogi. Mistoqsi jekk ir-ritratti esebiti a fol 40 tal-Process Verbal gewx mehuda minnu, hu wiegeb fl-affermattiv.

**<u>L-Ispizjar Mario Mifsud</u>** xehed nhar l-10 ta' Jannar 2003 fejn iddikjara li gie nominat mill-Magistrat Dottor Paul Coppini bhala espert forensiku u hejja relazzjoni fuq id-dokumenti li gew mghoddija lilu minn PS 1464 Portelli, liema relazzjoni huwa esebixxa u giet markata bhala dok MM1. Fix-xhieda tieghu jghid li bhala konkluzjoni nstab li kien hemm trab kannella, piz kien ta' 2.4888 grammi li nstabet fih sustanza erojina u trab abjad l-ammont tieghu

kien ta’ .265 grammi li nstabet fih sustanza kokajina. Mistoqsi x’ghandu fl-envelop u x’qed tirritorna lill-Qorti, wiegeb li ghandu ghaxar qratas tal-karti bil-kodici tal-Laboratorju 01AV01, qartas bi trab kannella go fihom li kienu maghmula minn gurnali, u vazett tal-hgieg li go fih hemm xi tabakk u magna tal-brim tas-sigaretti u xi karti tal-brim.

**PC 982 Martin Vella** xehed nhar l-10 ta’ Jannar 2003 fejn qal illi fit-30 ta’ Gunju 1999 ghall-habta ta’ xi 2:10 mar flimkien ma xi kollegi tieghu fi Triq ta’ Pinu u waqqfu lil Frankie Axiaq, l-imputat odjern bil-karozza numru ta’ registrazzjoni KAR 562 u s-Surgent 812 u s-Surgent 1407 ghamlulu tfittxija u sabulu ghaxar pakketti zghar bid-droga. Ikompli jghid li ghall-habta ta’ xi l-4:00 marru d-dar tieghu f’San Lawrenz u l-istess nies ghamlu tfittxija u sabu flus foloz u aktar droga fil-bitha u dan bl-ghajnuna tal-kelb tal-pulizija. Mistoqsi jekk rax dawn l-oggetti, ix-xhud iwiegeb fl-affermattiv u jikkonferma li Dokument b’Kodici tal-Laboratorju 01AV01 sa 03 huma l-istess oggetti li gew elevati in konnessjoni ma dan il-kaz.

**Dr. Mario Scerri** xehed nhar is-16 ta’ Frar 2006 fejn iddikjara li gie nominat mill-Magistrat Inkwerenti Dr. Paul Coppini b’Digriet tieghu tat-13 ta’ Gunju 1999 u dana sabiex jisma’ x-xhieda tal-Pulizija u jirrelata dwar il-fatti li jirrizultawlu. Esebixxa r-Relazzjoni tieghu, liema Relazzjoni qed tigi esebita presenzjalment u mmarkata mill-Qorti bhala Dokument MS.

**PS 1464 Michael Portelli** xehed nhar it-22 ta’ Awwissu 2006 fejn gie muri sentenza esebita w immarkata bhala Dokument Z datata 10 ta’ Mejju 1999. Jghid li jiftakar li fil-25 ta’ Ottubru 1992 kien gie arrestat flimkien ma’ kuginuh Lawrence Axiaq u akkuzat fuq mixtla ta’ Haxixa li kienu sabu f’Tar-Rokon f’San Lawrenz. Itenni li din hija sentenza li nghatat fuq dawk l-akkuzi u li kien ha sehem attiv f’dik l-investigazzjoni. Ikkonkluda x-xhieda tieghu billi jghid li l-Ispettur Prosekutur f’dak il-kaz illum huwa s-Supretendent Raymond Vella Gregory.

**<u>L-imputat Francis sive Frankie Axiaq</u>** xehed nhar id-9 ta’ Awwissu 2007 fejn qal illi l-flus li kellu fuq il-persuna tieghu u li gew misjuba mill-Pulizija, mhux minnu li kien sabhom fit-triq bhal ma qal fl-istatement tieghu, izda kienu moghtija lilu mis-Surgent Frank li jahdem mac-C.I.D. Jghid li tahomlu biex ikun *informer* tieghu, u cioe’ biex ighidlu min kien imexxi d-droga. Ikompli jghid li dawn gew mghoddija lilu minn xi xahar qabel ma effettivament qabduh il-Pulizija. Jghid illi originarjament kien jahdem mal-Gvern u kienu ghamlulu xi bankina u minn hekk kien jafu lis-Surgent Frank u offrielu biex ikun *informer* tieghu. Izid ighid li dakinhar tal-incident, li issa ilu madwar ghaxar snin, kellu jiltaqa’ ma’ wiehed Ta’ Pinu biex il-Pulizija jaqbduh, pero’ qabdu lilu minflok. Itenni jghid li ra lill-Ispettur jistenna f’garaxx fil-vicin u mieghu kien hemm ix-xufier Joe. Jghid li fi triqtu ghall-pjazza ta’ Ta’ Pinu ltaqa’ ma’ wiehed Malti, li llum il-gurnata nesa x’jismu jew x’kien il-laqam tieghu, u ma’ tlett persuni ohra biex jixtri d-droga minghandhom u wara li xtara d-droga gie arrestat minflok ma gew arrestati l-persuni l-ohra. Kien dak il-hin li sabu l-flus foloz waqt is-search li ghamlu l-Pulizija fir-residenza tieghu. Jghid li biex xtara d-droga tah flus foloz pero’ apparti dawk il-flus foloz li tah kien ghad baqalu’ erbgha (4) ta’ ghoxrin lira (Lm20) foloz, tmenin lira (Lm80) b’kollox. Jghid li suppost kellu jghaddi d-droga lis-Surgent Frankie, u jsostni li din hija l-verita’. Jghid li l-kokajina kien xtraha fl-istess perjodu ta’ zmien u li kien uza flus foloz biex jixtriha wkoll.

Jistqarr li meta ghamel l-istatement ma kienx kixef lis-Surgent dan ghaliex wieghdu li kien ser jghinu. Fil-fatt, jghid li wara l-incident kien baqa’ jghaddilu x-xoghol. Jispjega li dakinhar tal-incident, fit-30 ta’ Gunju 1999, il-Pulizija kienu qabduh fil-parti tat-triq ta’ Pinu fejn hemm palma, jew ahjar sigra kbira u post.

Jikkonkludi x-xhieda tieghu billi jghid li fl-istatement li rrilaxxa hemm parti fejn jghid li l-qratas ghamilhom hu wara li xtara l-eroina. Itenni jghid li m’huwiex minnu li qal dan il-kliem lill-Pulizija ghaliex hu ma qalilhomx minn fejn xtara d-droga u lanqas illum ma jsemmi l-isem tal-persuna; kull ma qalilhom dakinhar kien li d-droga li kellu

kienet tieghu, izda llum jghid mod iehor u jsostni li hija l-verita'.

**PS 1464 Michael Portelli** ri-prodott mid-difiza xehed nhar id-9 ta' Awwissu fejn qal illi l-imputat jafu izda qatt ma gie l-Ghassa min jeddu, ghalkemm gieli ressqu diversi drabi, dejjem fuq suspett ta' drogi u serq. Jghid li fl-elf disgha mija u wiehed u disghin (1991) kien qabdu bi traffikar tal-haxixa f'Malta, u ghalhekk ighid li ma jafdahx minhabba dan il-passat tieghu.

Jghid li gieli kellu xi tape recorder meta tkellem mal-imputat; kien tape recorder tal-but u llum huwa distrutt. Jiftakar li kien hemm okkazjoni fejn gie moghti informazzjoni dwar xi persuna li tbigh id-droga u l-imputat ma kellux ftehim ghal xiri izda kien kixef il-persuna effettivament imcappsa. Jghid li dan kollu qed jghidu minn jeddu, u mhux ghax gie suggerit lilu mid-Difiza.

Ikkonkluda x-xhieda tieghu billi jghid li ma jiftakarx min kien l-ufficjal li ghaddihulu, pero' jghid li seta kien PS 137 jew PC 883 ghax dak iz-zmien dawk kienu jahdmu mieghu fic-C.I.D. Mistoqsi kemm ilu dan il-kaz, jghid li ma jiftakarx izda jekk mhux sejjer zball wara l-incident tat-30 ta' Gunju 1999 u huwa minnu li d-diskors tieghu gie rekordjat.

**George Vella** xehed nhar it-12 ta' Mejju 2012 fejn qal li jaf lill-imputat ghax kienu jahdmu flimkien mas-CMU, u ilu jahdem maghhom madwar ghoxrin (20) sena izda ma jafx kemm ilu jahdem maghhom Francis Axiaq. Jghid li lis-Surgent Frankie Portelli jafu wkoll u ta' spiss kien jigi jkellem lill-imputat izda ma jafx x'kien jinghad bejniethom ghaliex ma kienx ikun magenbhom. Itenni li gieli kienu jdumu jitkellmu, u gieli le, u kienu jitilqu minn hdejn xulxin bhala hbieb.

**Supretendent Antonello Grech** xehed nhar it-12 ta' Mejju 2012 fejn qal li qatt ma ltaqa mas-Surgent Frankie u l-imputat ghand wiehed maghruf bhala Ic-Cirasa, il-Qbajjar. Itenni jghid li l-imputat jafu ghax gieli rah l-Ghassa, u darba kellmu biex talbu jtihom informazzjoni

dwar min kien qed jittraffika d-droga f'Ghawdex. Fil-fatt l-imputat kien *informer* taghhom ghal xi tnejn jew tlett kazijiet. F'okkazjoni minnhom kien qalilhom li d-droga kienet qed tigi minn Malta b'karozza partikolari. Saret l-investigazzjoni fuq din l-informazzjoni li ta l-imputat, u effettivament inqabad min kien bid-droga. Jghid li pero' kien hemm okkazjonijiet fejn l-informazzjoni li ta ma wassal ghall-ebda rizultat pozittiv. Jghid li sa fejn jaf hu, l-imputat ma kienx involut fil-kaz ta' Dorothy Refalo. Jaf illi s-Surgent Frank kien ta' sikwit ikellem lill-imputat, anke minn fuq it-telefon tal-ufficcju tieghu kull meta kellhom bzonnu. Esebixxa sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat Francis Axiaq ta' nhar id-9 ta' Dicembru 2004 minn din il-Qorti kif preseduta.

**Dottor Joseph Tonna** xehed nhar l-1 ta' Awwissu 2008 fejn qal li huwa tabib tal-habs u kien ezamina l-imputat u jghid li kien ibati mid-diabete u jiehu l-insulina. Jghid li xi drabi kien ikollu problema biex jikkontrolla din il-problema tad-diabete, ghaliex f'xi tlett okkazjonijiet kien jitbaxxielu hafna z-zokkor u jkollu jittiehed b'emergenza l-isptar. Jispjega kif meta jitbaxxa z-zokkor, il-bniedem jista' jintilef minn sensih. Bniedem li jbati miz-zokkor jista' jkollu sintomi minn qabel li jindikaw li ser jitbaxxielu z-zokkor u l-pazjent jista' jiekol xi haga biex inaqqas ic-cans. Fil-kaz tal-imputat, jghid li l-insulina kienet tinghatalu b'mod regolari u jtenni li din hija tip ta' marda li trid tkun taf kif tittrattaha int stess.

Illi nhar l-4 ta'April 2011 l-imputat tramite l-avukat difensur tieghu kien talab in-nomina ta' Probation Officer sabieh thejji *Social Inquiry Report* dwar l-imputat u dan fid-dawl tal-kundizzjoni ta' sahha prekarja li ghandu li diga kienet wasslet ghall-amputazzjoni ta' partijiet minn gismu u ukoll ghall-possibilta ta' glaucoma.

Il-Qorti b'digriet taghha tal-4 ta' April 2011 kienet laqghet it-talba u permezz ta' rikors prezentat mill-Probation Officer Miriam Sevasta nhar is-2 ta' Gunju 2011 il-Qorti giet infurmata li kienet ser tiehu hsieb dan il-kaz hi stess u talbet aktar zmien sabiex tirrelata.

**Miriam Sevasta** xehdet nhar l-24 ta’ Frar 2012 fejn esebiet *Social Inquiry Report* dwar l-imputat. Tghid li hi kellha tipprezenta dan ir-rapport fil-15 ta’ Settembru 2011 pero’ ghalkemm ghaddew erba’ xhur, tghid illi s-sitwazzjoni baqghet wahda l-istess, u cioe’ tghid illi l-imputat baqa’ bl-istess ordni moghtija minn din il-Qorti kif preseduta u cioe’ li jaghti kampjun tal-awrina darba fil-gimgha, u kollha taw rizultat negattiv ghall-presenza ta’ droga, u min-naha taghha innutat progress kbir, u tghid li l-imputat dejjem segwa l-istruzzjonijiet moghtija minnha. Tghid li jidher li rabba l-ghaqal. Illum jinsab taht *house arrest* fuq proceduri ohrajn. Fl-ahhar tghid li l-imputat ghadda minn diversi interventi kirurgici minhabba l-problemi li huwa ghandu ta’ diabete.

Hija kompliet tixhed nhar it-23 ta’ Marzu 2012 fejn esebiet dokumenti relatati mal-kaz ta’ Francis Axiaq. Tghid li wahda minnhom giet mibghuta lilha minn Robert Mallia mill-Isptar ta’ Ghawdex fejn qed tindika li t-testijiet li ttiehdu dwar il-prezenza o meno tad-droga mill-elfejn u ghaxra (2010) ’il hawn u minn ezami tal-istess jirrizulta li dawn dejjem taw rizultati negattivi. Dan qed jigi mmarkat bhala dokument MS 1. Esebiet dokument iehor mibghut lilha mill-isptar li qed jigi mmarkat bhala dokument MB 2 li jindika li l-imputat ghandu problema qawwija tad-diabete. Esebiet dokument iehor li qed jigi mmarkat bhala dokument MS 3 li jindika li l-imputat kellu l-amputazzjoni tas-swaba ta’ saqajh minhabba din il-problema tad-diabete. Dan qed jigi mmarkat bhala dokument MS3 u MS4 rispettivament.

**Dottor Suzanne Vella MD** xehdet nhar l-24 ta’ Frar 2012 ghan-nom u in rapprezentanza tas-Supretendent tal-Isptar Generali ta’ Ghawdex u mhux di scienta propria izda minn dak li jirrizulta mill-file mediku tal-imputat. Tghid illi f’Dicembru 2005 hemm inserit fil-file rizultat ta’ test li sar lill-imputat dwar possibilta ta’ tehid ta’ droga izda dan ta rizultat negattiv.

Hija kompliet tixhed nhar it-23 ta’ Marzu 2012 fejn giet in rapprezentanza tas-Supretendent tal-Isptar Generali ta’ Ghawdex. Tghid li ricentament, cioe’ f’dawn l-ahhar snin l-

imputat Francis Axiaq prezenti fl-Awla kien l-Isptar. F'Ottubru 2009 gie trasferit Mater Dei minhabba l-problemi li kellu f'saqajh. F'Ottubru 2010 beda wkoll il-laser treatment f'ghajnejh u f'Jannar ta' wara kellu operazzjoni f'ghajnejh, u dawn huma kollha rizultat u kumplikazzjonijiet tad-diabete. Tghid li kellu wkoll ammissjonijiet ohrajn meta joghlielu jew jitbaxxielu l-livell taz-zokkor.

**Robert Mallia**, nurse in charge tad-Detox Unit ta' Ghawdex, xehed nhar it-23 ta' Marzu 2012 fejn qal li lill-imputat Francis Axiaq jafu professjonalment. Dan ghaliex l-imputat ilu jigi minn Frar 2010 darba fil-gimgha biex jaghti l-kampjun tal-awrina tieghu sabiex isir analizi fuqha ghal prezenza o meno tad-droga. Ir-rizultati kienu dejjem negattivi ghall-prezenza ta' kull tip ta' droga.

Rat in-nota ta sottomisjsonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Il-principju generali rigward it-tezi ta' "*burden of proof*" hi dik ta' min jallega jrid jipprova. Fil-fatt fi kliem **Manzini** kif misjuba fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale***[1],
*"il cosi della onere detto prova cioe il carico di fornirla spetta a chi accusa," (onus probandi incumbit qui asserit).*

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-*onus* ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga bhal per ezempju d-difiza tal-insanita.

Hija principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta innocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini tal-artikolu 40 subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi is-segwenti:

[1] Kapitolu IV, vol III, pagna 234 (Ediz. 1890)

*"every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty..."*

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn **Sir Augustus Bartolo** fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Michele Borg et***[2] fejn intqal:

*"illi skond il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna imfassla fuq dak ta' l-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.' "*

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament presunjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu; il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputat, l-onus generali tal-prova, u cioe tal-prova tal-htija tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni; li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Fil-fatt rigward liema grad ta' prova jrid jigi sodisfatt il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**:

"*that degree is well settled...it must carry a high degree of probability...if the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice.*"

[2] Qorti ta' l-Appell Kriminali -- 13 ta' Mejju, 1936

Xi tfisser dubbju ragjonevoli mhux facli biex jigi deskritt, pero zgur li tfisser aktar mill-grad ta' probabilita. Il-livell tal-prova hija wahda gholja pero ma tridx tigi konfusa mal-livell ta' certezza morali u lanqas ma' prova xjentifika. **Lord J. Denning** fis-sentenza ***Miller v Minister of Pensions (1935)*** qal:

"*that degree is well settled. It need not reach certainty, but it must carry a high degree of probability. Proof beyond doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt but nothing short of that will suffice*[3]*.*"

Id-difiza fin-nota taghha insistiet mal-Qorti li m'ghandhiex taghti widen ghall-istqarrija rilaxxjata milll-imputat a tempo vegine tal-investigazzjoni stante li ma nghatax il-fakolta li jkellem avukat kif inhu id-dritt tieghu.
Il-Qorti hawnhekk u limitatament ghal dan l-ilment qieghda taghmel referenza ghas-sentenza Kostituzzjonali moghtija ricentement fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) vs Alvin Pivitera** deciza fil-11 ta' April 2011, is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili mir-referenza li saret mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Ir-Republika ta' Malta vs Matthew-John Migneco** deciza fil-15 ta' Novembru 2011 (per Imhallef Joseph R Micallef ), is- sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili sede Kostituzzjonali fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Republika ta' Malta** (Rik Numru 7/2010 GC) u zewg sentenzi aktar ricenti moghtija fl-ismijiet **Ir-Republika ta' Malta vs Alfred Camileri** deciza nhar is-16 ta' Jannar 2012 per l-Imhallef Anthony Ellul u s-sentenza moghtija fl-ismijiet **Republika ta' Malta vs Martin Dimech** u dik moghtija nhar is-16 ta' Jannar 2012 fejn gie deciz li l-mankanza tad-dritt ghal prezenza ta' avukat waqt l-interrogatorju hu leziv tad-dritt tieghu kif sancit fl-Artikoli

[3] May Richard Criminal Evidence (3rd Ed.) Sweet & Maxwell pg. 64 para. 4-38

6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Fil-fatt f'din l-istqarrija l-imputat jinkrimina ruhu meta jghid li d-droga li instabet mill-pulizija waqt is-search u cioe id-droga eroina u dik kokaina jappartjeni lilu u ghalhekk tali stqarrija sejra tigi skartata in toto.

Din il-Qorti tmur oltre u tiddikajra li hija sejra tiskarta wkoll dak kollu li l-imputat qal lill-ufficcjali tal-pulizija waqt li huma kienu qed jinvestigaw il-kaz u cioe dak kollu li l-imputat qal minn jeddu jew fuq mistoqsija tal-pulizija in konnessjoni mas-sejba tad-droga.

Il-Qorti sejra tqis il-provi l-ohra cirkostanzjali li wasslu lill-pulizija sabiex iressqu lill-imptuat il-Qorti u jakkuzawh bl-akkuzi odjerni.

Huwa importanti wkoll li l-Qorti tfakkar lil partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi indizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appel Kriminali nhar id-disgha ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader** hemm referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet **Teper v The Queen** *[1952] AC 480, 489*.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et**, li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda

l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif wkoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti u cioe li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET OHRA</u>**

Il-Qorti thoss li wara li l-istess ghamlet apprezzament tal-principju tad-dritt trid tara xi provi ressqet il-prosekuzzjoni in sostenn tal-akkuzi taghha.

Il-Prosekuzzjoni ressqet diversi ufficcjali tal-pulizija jghidu li minn search li huma ghamlu huma sabu numru ta' pakketti b'sustanza illecita f'karozza li fiha kien riekeb l-imputat. Jinghad li kien instabu wkoll xi pakketti taht il-karozza fejn kien hemm toqba hdejn il-gear box u xi pakkett fil-vicinanzi u xi kontenitur fir-residenza tieghu. Illi dawn is-sustanzi nghataw lill-Ispizjar Mario Mifsud sabiex isir esami fuqhom u sabiix jigi konfermat li s-sustanza hemm kienet illecita.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet lill-Ispizjar Mifsud sabiex jikkonferma li tali sustanza kienet illecita u li fil-fatt tikkonsisti fi 2.488 grammi eroina u .265 grammi kokaina, liema sustanzi huma kontrollati bil-ligi taht l-ewwel skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta (fol. 89).

L-imputat ghazel li jixhed u taht gurament ikkonferma li d-droga hija tieghu u li kien xtraha minghand wiehed Malti u kien imdejjaq mhux ghax il-pulizija sabuh fil-pussess ta' din id-droga izda li ma haditx passi kontra minghand min allegatament kien xtraha. Ghalkemm meta gie mistoqsi min kienet il-persuna li bieghetlu d-droga jghid li nesa ismu u lanqas il-laqam tieghu ma jiftakar. Jghid biss li l-pulizija waqfet lilu biss.

Dwar il-pusess tal-flus foloz ma hemmx wisq x'jinghad u dan ghaliex l-imputat fil-pedana tax-xhieda quddiem l-avukat difensur tieghu jghid li kien fil-pusess ta' flus foloz oltre dan ighid ukoll li kien xtara d-droga bil-flus foloz. Il-Qorti ma qaghditx biss fuq din ix-xhieda izda fl-atti tal-kawza kienet innominat lill-espert Ivan Formosa u dan kien ikkonferma li l-flus kienu foloz u dawn kienu jidhru hekk anke de visu ghaliex kellhom l-istess *serial number* u l-kwalita tal-karta ma kinitx ta' kwalita tajba.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi dwar l-akkuzi ta' pusess ta' eroina u kokaina ma hemmx dubbju li dawn jirrizultaw b'mod sodisfacenti anke mill-ammissjoni tal-imputat stess waqt li kien fil-pedana tax-xhieda li qal li d-droga li nstabu fil-vettura tieghu u fir-razzett huma proprjeta tieghu. Il-Qorti ma strahitx biss fuq din id-dikjarazzjoni izda kienet innominat lill-espert Mario Mifsud li kkonferma li s-sustanza li nstabet fil-fatt kienet droga.

Dwar ir-reat l-iehor ta' pussess ta' droga mhux ghall-uzu esklussiv tieghu l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet il-**<u>Pulizija vs Brian Caruana</u>** deciza nhar it-23 ta' Mejju 2002 fejn inghad li :-

*"Kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu eskluzziv tal-akkuzat fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*."

Il-Qorti rat l-ammont li nstab u l-manjiera kif kienet mizmuma u c-cirkostanzi kif insabet u thoss li dawn huma

indizzji cari li effettivament id-droga ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu. Wiehed ukoll jistaqsi jekk l-imputat kien juza d-droga wahdu xi bzonn kien hemm li parti minnha tkun ippakkjatha fi qratas u mohbija, b'mod li hu risaput kif din id-droga tghaddi minn id ghall-ohra? Dawn l-indizzji juru bic-car li l-pussess ta' droga li kellu l-imputat ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. Liema reat igib piena ta' prigunerija tassattiva.

Dwar l-akkuzi l-ohra u cioe dawk naxxenti mill-kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta s-segwenti:- Huwa gie akkuzat bir-reat ta' Falsifikazzjoni u tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' flejjes u talli mingħajr awtorità legali jew mingħajr skuża leġittima jew raġonevoli (liema prova tkun fuq l-akkużat) xtara jew irċieva mingħand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tiegħu, biljett tal-flus falsifikat meta kien jaf li l-istess kien falsifikat. Issa mill-provi prodotti u appuntu minn dak li qal l-imputat stess jirrizulta li l-imputat kien fil-pussess ta' flus foloz kif konfermat mill-espert Ivan Formosa. L-imputat ighid li kien jaf li kienu foloz u jittenta jaghti spjegazzjoni ta' minn fejn gabhom u in oltre li bihom xtara d-droga. Ghalhekk permezz ta' din ix-xhieda ma hemmx dubbju li tali akkuzi jirrizultaw ukoll provati.

Dwar il-piena din li-Qorti semghet il-Probation Officer Miriam Sevasta tghid li l-imputat kellu problema kbira ta' droga u li rnexxilu jeghleb l-istess problema tant li ghal dawn l-ahhar sentejn minn meta gie hekk ordnat mill-Qorti l-imputat kellu jaghti kampjun tal-awrina tieghu sabiex tigi analizzata ghall-presenza o meno ta' droga u dawn it-testijiet dejjem saru u dejjem taw rizultat negattiv ghal tali presenza. Tghid ukoll li l-imputat huwa bniedem marid fis-sens li jbati minn diabete u li minhabba f'hekk sahansitra anke kellu xi amputazzjonijiet fis-swaba ta' saqajh. Spjegat li l-imputat fil-fatt jigi ammess l-isptar sabiex jindokra tali problema ta' sikwit. Tghid li l-imputat gharaf jisfrutta ruhu mill-opportunita li nghata minn din il-Qorti sabiex ibiddel l-ghemil tieghu lejn il-hajja tant li qalet li kkopera hafna maghha u li illum huwa 'a reformed person'. Dawn il-fatti gew ukoll sahansitra konfermati mill-medici tal-Isptar Generali ta' Ghawdex. L-imputat ghandu

problemi li jrid jindirizza u l-hasra hi illi kull meta jsib ruhu illi ma jistax jirbah dawn il-problemi jdur ghad-droga ghas-sostenn, li naturalment iddahhlu f'cirku vizzjuz illi ma jkunx jista` johrog minnha facilment.

Jidher pero` li l-imputat hu kapaci jieqaf mill-abbuz tad-droga tant li llum huwa 'clean'. Il-Qorti hija certa wara li rat il-fedina penali tal-istess imputat li dana ma ghamlux wahdu izda bl-ghajnuna tal-Probation Officer u ghajnuna medika li nghata ripetutament u jidher li bhala persuna vulnerabbli ghandu bzonn aktar ghajnuna, sabiex ikompli jissahhah u jikkonfronta l-problemi tal-hajja u ghalhekk ikun aktar suxxettibbli ghal "relapse" jekk jitpogga fil-Facilita Korettiva ta' Kordin.

Il-Qorti rat ukoll it-trapass taz-zmien u cioe li l-imputat tressaq il-Qorti nhar l-14 ta' Frar 2000 akkuzat b'reati li saru f'Gunju 1999 u ser jigi kkundannat illum fit-13 ta' Settembru 2012, tlettax il-sena wara li sehhew ir-reati. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet:-

**Il-Pulizija Vs Farrugia Nikola, Bugeja John U Bonello Loreto** deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fit-2 ta Ottubru 2002 inghad li:

*It-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma*.

Illi ghalhekk in vista tas-suespost din il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u wara li rat l-artikoli **23, 28A, 28H u 533 tal-Kapitolu 9, Artikoli 45(1) u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta tiddecidi li tikkundanna lill-imputat ghall-piena karcerarja effettiva ta' sitt (6) xhur. Oltre dan tikkundannah ihallas multa ta' tlett mitt euro (Euro 300).**

**In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe li l-imputat illum irriforma ruhu kompletament, li huwa**

**<u>bniedem marid u li ghalhekk ghandu bzonn kura professjonali taghti r-rakkomandazzjoni taghha li l-imputat ma jitpoggiex gewwa l-Facililta Korettiva ta' Kordin izda jinzamm fi sptar</u>**.

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez involuti fil-hatra ta' espert ai termini tal-artikolu 533 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa' tali talba u tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe tal-Perit Guido Vella (fol 42 u fol 77), l-espert forensiku Ivan Formosa (fol.52), l-espert Dr. Mario Scerri (fol.143), l-espert forensiku l-Ispizjar Mario Mifsud (fol. 83), l-espert fotografu Max Xuereb (fol. 40) u dan fi zmien tlett xhur mill-llum u jekk l-imputat jonqos li jhallas l-ammont kollu, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.

In oltre il-Qorti rat l-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna li l-flejjes esibiti f'dawn l-atti minn PS 1464 Michael Portelli nhar l-4 ta' Lulju 2000 jigu konfiskati u depositati fil-Laboratorju tax-Xjenza Forensika bhala depositu centrali tal-flejjes barranin foloz misjuba hawn Malta.

Finalment tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga esibita mill-ispizjar Mario Mifsud nhar it-12 ta' Jannar 2003 u ghalhekk tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jeffettwa tali distruzzjoni, b'dan li l-istess Registratur tal-Qorti ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax il-jum mill-lum u dan in linea mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Anthony Joseph Portelli.</u>**

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifkata lid-Direttur u Registratur tal-Qorti t'Ghawdex.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------